

Dispożittiv

L-Artikolu 135(1)(j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqri flimkien mal-Artikolu 12(1) u (2) tagħha,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-eżenzjoni prevista f'din l-ewwel dispożizzjoni fir-rigward tal-kunsinna ta' bini jew ta' parti minn bini u tal-art li fuqha jinsab il-bini, minbarra dawk li l-kunsinna tagħhom titwettaq qabel l-ewwel okkupazzjoni tagħhom, tapplika wkoll għall-kunsinna ta' bini li kien is-suġġett tal-ewwel okkupazzjoni qabel it-trasformazzjoni tiegħu, anki jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx iddefinixxa, fid-dritt intern, ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-ewwel okkupazzjoni għat-trasformazzjonijiet ta' proprietajiet immoblli, kif kienet tippermettilu jagħmel it-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjoni.

(¹) ĠU C 257, 4.7.2022.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-9 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franzia) – Bolloré logistics SA vs Direction interrégionale des douanes et droits indirects de Caen, Recette régionale des douanes et droits indirects de Caen, Bolloré Ports de Cherbourg SAS

(Kawża C-358/22 (¹), Bolloré logistics)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni Doganali – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 195 – Artikolu 217(1) – Artikolu 221(1) – Tariffa doganali komuni – Obbligi tal-garanti tad-debitur ta' dejn doganali – Modalitajiet ta' komunikazzjoni tad-dejn doganali – Dazji li jikkorrispondu għal dan id-dejn ma ġewx ikkomunikati regolarment lid-debitur tad-dejn – Eżiġibbiltà tad-dejn doganali mingħand il-garanti in solidum)

(2023/C 164/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Bolloré logistics SA

Konvenut: Direction interrégionale des douanes et droits indirects de Caen, Recette régionale des douanes et droits indirects de Caen, Bolloré Ports de Cherbourg SAS

Dispożittiv

L-Artikolu 195, l-Artikolu 217(1) u l-Artikolu 221(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2005,

għandhom jiġi interpretati fis-sens li:

l-awtoritajiet doganali ma jistgħux jeżiġu l-ħlas ta' dejn doganali mingħand il-garanti msemmi fl-Artikolu 195 sakemm l-ammont tad-dazji ma jkunx għiekk komunikat lid-debitur b'mod regolari.

(¹) ĠU C 340, 5.9.2022.